# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 640/2022 ISB**

**Andrew Imre Gatesy (K.I. Nru. 0071844A)**

**vs**

**Avukat tal-Istat u Josette Lewis (ġja Gatesy) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** promotur ta' **Andrew Imre Gatesy** tas-6 ta' Diċembru 2022 u li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi li qed jiġu leżi u vvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 39 tal-*

*Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

ii. *Tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha li lilha jidhrulha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mir-rikorrent tieqaf u ma tibqax tiġi perpetwata, u kif ukoll sabiex l-istess ksur ta' drittijiet fondamentali jiġi rimedjat u riparat, occorrendo nkluż billi tiddikjara l-provi ta' Josette Lewis (ġja Gatesy) fil-proċeduri fl-ismijiet Josette Gatesy v Andy Imre Gatesy (Rik. Ġur. 188/2005JPG) magħluqa u billi tillikwida kumpens għall-ħsara pekunjarja kif ukoll għall-ħsara morali mġarrba mir-rikorrent, u tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu dak il-kumpens kif likwidat.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi permezz ta' rikors ġuramentat minnha ippreżentat nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), Josette Lewis (ġja Gatesy) istitwiet proċeduri għall-firda personali minn mal-esponent Andrew Imre Gatesy.*
2. *Illi l-preċitat rikors ġuramentat ta lok għall-proċeduri fl-ismijiet Josette Gatesy v Andrew Imre Gatesy (Rik. Ġur. 188/2005JPG) li fil-preżent qiegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).*
3. *Illi sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors kostituzzjonali l-imsemmija proċeduri għadhom fi stadju tal-ġbir tal-provi tal-attriċi Josette Lewis (ġja Gatesy), b'dan li minkejja li għaddew sbatax-il sena, ma hemm ebda indikazzjoni meta l-imsemmija Josette Lewis (ġja Gatesy) sejra tiddikjara l-provi tagħha magħluqa biex b'hekk ikunu jistgħu jinbdew jinstemgħu l-provi tal-esponent - f' dawk il-proċeduri allura l-intimat.*
4. *Illi jiġi rilevat li minkejja li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) issolleċitat u/jew ordnat lill-attriċi sabiex tagħlaq il-provi tagħha b' bosta digrieti, senjatament bid-digriet tal-erbgħa ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011), tal-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax (2011), tas-sbatax (2017) ta' Marzu tas-*

*sena elfejn u sbatax (2017), tas-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-attriċi baqgħet tippersisti bit-talbiet tagħha sabiex tkompli dejjem tressaq evidenza ulterjuri – b'dan li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ripetutament akwijixxiet għat-talbiet għall-produzzjoni ta' evidenza ulterjuri nonostante l-oġġezzjonijiet emfatiċi u kostanti tal-esponent.*

5. *Illi r-raġuni m'għandiex bżonn forza. Huwa ovvju li l-imsemmija Josette Lewis (ġja Gatesy) qiegħda, b'mod l-aktar sfaċċat u lampanti, tagħmel minn kollox biex ittawwal l-imsemmija proċeduri għall-interessi personali tagħha, b'dan li qiegħda tabbuża mill-jeddijiet proċedurali tagħha a skapitu tal-interessi leġittimi tal-intimat u l-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli.*

6. *Illi l-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) diġa kellha okkażżjoni tikkumenta dwar id-delungar eżaġerat tal-proċeduri fl-ismijiet Josette Gatesy v Andy Imre Gatesy (Rik. Ġur. 188/2005JPG) u dan fil-kuntest tas-sentenza minnha mogħtija fl-istess proċeduri nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Fil-fatt mas-sitt (6) snin ilu, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kienet diġa espremiet it-tħassib tagħha dwar il-kwistjoni proprju hekk:*

   *"7. Firstly, this Court deems it very opportune to observe that a period of 10 years is an exceedingly long period for any of the parties to a case to conclude his/her evidence; indeed it is a very long delay in relation to any judicial proceedings, particularly at first instance. In the circumstances this Court is not at all surprised at the First Court's repeated solicitations addressed to plaintiff in order that the latter concludes her evidence without delaying the proceedings any further.*

   *...ommississ...*

   *29. The above period should have been more than adequate for plaintiff to conclude her evidence. Considering the length of the period, plaintiff had ample opportunity to discover any assets which she claims defendant is hiding from her and from the Court.*

   *...ommississ...*

*30. Thirdly, it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings."*

7. *Illi, b' żieda ma' dan, huwa sinifikanti li fil-mori tal-preċitati proċeduri l-esponent saħansitra irnexxielu jottjeni l-annullament taż-żwieġ tiegħu mal-intimata Josette Lewis (ġja Gatesy), u dan permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta, liema sentenza ngħatat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u ġiet pubblikata nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), b'dan li l-istess sentenza ġiet anki debitament reġistrata permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ai termini tal-Artikoli 23 u 24 tal-Att taż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Tabilħaqq anki fil-kors ta' tali proċeduri, l-intimata għamlet l-għalmu tagħha biex tostakola u tiddelunga kemm felħet, b'dan li saħanistra oġġezzjonat b' mod frivolu għar-reġistrazzjoni tal-annullament.*

8. *Illi huwa manifest, res ipsa, li d-dewmien tal-proċeduri in kwistjoni, u senjatament id-dewmien eżaġerat tal-imsemmija Josette Lewis (ġja Gatesy) li tagħlaq il-provi tagħha, jikkostitwixxi ksur tal-jedd fundamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli.*

9. *Illi tali dewmien qiegħed jippreġudika lill-esponent mhux biss għax id-dewmien inġustifikabbli qed ikollu effett determinanti u negattiv fuq il-ħajja personali u professjonali tiegħu, iżda wkoll għax tali dewmien ser jiżvantaġġja lill-esponent b'mod irrimedjabbli fil-kors tal-proċeduri nfushom. Dan inter alia billi l-mgħoddija taż-żmien ifisser li l-esponent ma jista' qatt ikollu l-istess opportunita' li jressaq provi u evidenza fl-istess qies u effikaċja mogħtija lil Josette Lewis (ġja Gatesy). Biżżejjed jingħad, inter alia u ad exemplum, li tul it-trapass ta' sbatax-il sena (17) huwa ovvju li l-kuntest personali tal-partijiet jitbiddel, ix-xhieda jisparpaljaw, saħansitra jmutu u/ jew jinsew fatti relevanti, u dokumenti importanti (lil hinn mill-pussess u l-kontroll tal-partijiet) ma jibqgħux jinżammu lanqas mill-awtoritajiet u entitajiet konċernati.*

10. *Illi l-aġir ta' Josette Lewis (ġja Gatesy) għalhekk jikkostitwixxi abbuż manifest u lampanti tal-proċeduri*

*ġudizzjarji, b'dan li huwa ċar li hija qed tagħmel minn kollox – u agħar minhekk qed titħalla tagħmel minn kollox – sabiex il-kawża istitwita minnha ma timxiex.*

11. *Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponent in kwantu qed jiġi mċaħħad mill-jedd tiegħu li jkollu d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ċivili tiegħu definiti u determinati minn qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġjonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Diċembru 2022 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-17 ta' Frar 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** tal-25 ta' Jannar 2023 (fol 7) li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi qabel mal-esponent jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għandu jingħad li ġaladarba l-esponent ma kienx parti mill-kawża fl-ismijiet Josette Gatesy Lewis pro et noe vs Andy Imre Gatesy, rikors numru 188/2005 (minn hawn 'l quddiem msejħa il-"Kawża 188/2005"), hu m'huwiex edott mill-fatti u mill-proċess tal-atti fil-kawża sopraċitata u għalhekk jirriserva d-dritt li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri ladarba l-esponent jieħu sfond qasir tal-fatti li wasslu għal din il-kawża odjerna;*
2. *Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li għandu jiġi kjamat in kawża t-tifel tal-intimata Josette Gatesy, ċjoe' Alexander Gatesy, li hi kienet qiegħda tirrappreżenta fil-Kawża 188/2005 stante li fiż-żmien tal-ftuħ tal-azzjoni t-tali tifel kien għadu minuri. Dan qiegħed jingħad għaliex it-tifel in kwistjoni huwa attur ukoll fil-Kawża 188/2005 li hi mertu tal-proċeduri odjerni;*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti abbażi ta' allegat ksur tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

*minħabba dewmien fil-proċeduri tal-Kawża 188/2005, l-ewwelnett jingħad illi r-rikorrent għandu jġib prova li tabilħaqq kien hemm u għad hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri msemmija, u li ġarrab ħsara minħabba dan id-dewmien;*

5. *Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Kif jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights:*

   *"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stögmüller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].*

   *The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*;

6. *Illi għalhekk, mhuwiex suffiċċjenti li wieħed jilmenta biss fuq it-tul tal-proċeduri meta jiġi allegat ksur tad-dritt ta' smiegħ raġonevoli fi żmien xieraq, iżda r-rikorrent irid jipprova li ċ-ċirkostanzi varji surreferiti avveraw ruħhom fil-kawża ċivili in kwistjoni u li d-dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub*

*biss biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi;*

7. *Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzju, tajjeb li jingħad li hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġjonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Għalhekk isegwi li l-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tiġi eżaminata fl-intier tagħha u ma jistax ikun jiġi eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura. Inoltre, l-esponent jikkontendi li meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandu jirriżulta li ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet invokati mir-rikorrent;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, huwa aċċettat ukoll li ma hemm l-ebda time limit li qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda u inkonsulta, dan iżjed b'mod partikolari meta l-kawża tkun waħda ta' natura sensittiva bħal kawża ċivili in kwistjoni;*

9. *Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid juri li huwa ma kkontribwixxiex għal dan id-dewmien u li ħa passi biex jipprevjeni dan id-dewmien milli jseħħ. Jekk jirriżulta li r-rikorrent kien effettivament ikkontribwixxa għal dan id-dewmien jew baqa' sieket minkejja d-dewmien, dawn il-fatti għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti f'każ li tqis li r-rikorrenti għandu jingħata xi forma ta' rimedju. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrileva li r-rikorrent għamel azzjoni sabiex jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti biss fis-sena 2015, liem talba ġiet milqugħa u konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016, u ottjena l-annulament mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta biss riċentement fl-2021, liem annulament ġie reġistrat fil-Qorti tal-Appell ai termini tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex barra l-fatt li dawn is-sentenzi ixejnu parti, jekk mhux kollox, l-Kawża 188/2005, l-esponent jistqarr ukoll li dawn l-azzjonijiet setgħu jsiru minnu qabel is-snin li filfatt saru. In oltre, f'dan il-każ ma jidhirx li r-rikorrent użufruwixxa ruħu*

*mir-rimedju mogħti lilu mill-**Artikolu 195 (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

10. *Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li dawn il-proċeduri mhumiex ta' culpa aquiliana jew kawża tad-danni, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid jġib prova tajba tal-allegati danni li sofra fil-ħajja professjonali u personali tiegħu u kif ukoll irid juri li tali danni li allegatament ġarrab kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri ċivili surreferiti;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-Kawża 188/2005, ir-rikorrent odjern ippreżenta risposta ġuramentata skont il-liġi u ġaladarba jingħalqu il-provi rikorrent se jingħata kull opportunita' li jressaq il-provi kollha tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, kif fuq kollox diġa' ngħata ċ-ċans jagħmel kontro-eżamijiet u jippreżenta xi dokumenti u xi xhieda tiegħu. In oltre, f'dan ir-rigward, tajjeb jingħad li b'kull rispett dovut, jekk ir-rikorrent kien verament beżgħan li x-xhieda tiegħu jisparpalja jew jmutu jew jinsew minħabba xi trapass ta' żmien, mela allura missu lesta l-affidavits u d-dokumenti relevanti minn mindu identifika x'ħa tkun id-difiża tiegħu u konsegwentament x'ħa jkunu l-provi tiegħu. Dan jingħad għaliex biex xhieda jisparpaljaw jew jmutu jew jinsew u biex dokumenti ma jibqgħux aċċessibli mhemmx bżonn jgħaddi xi żmien partikolari, għaliex dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jseħħu wara sena jew sentejn minn meta tinbeda azzjoni. Għalhekk kwalunwke alleggazzjoni ta' vjolazzjoni futura tad-dritt għal smiegħ xieraq f'dak li jikkonċerna l-prinċipju tal-avversalita' huwa għal kollox infondat, speċjalment meta hawnhekk lanqas biss hawn ċertezza li din l-imsemmija leżjoni ħa ssir imma huwa biss ipotesi teoretika tar-rikorrent;*

12. *Illi għar-raġunijiet kollha fuq esposti l-ilment ta' ksur **tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jimmerita li jiġi miċħud u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

13. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta’ Frar 2023, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent u ordnat l-prosegwiment tal-proċeduri bil-lingwa Ingliża b’dana illi irriżervat illi tagħti d-deċiżjoni tagħha bil-lingwa Maltija.

Rat ir-Risposta ta’ **Josette Lewis** tad-29 ta’ Marzu 2023 (fol 16) u li permezz tagħha eċċepiet:

1. *Illi l-esponenti fl-ewwel lok teccepixxi illi hija mhijiex il-legittima kuntradittrici f’dawn il-proceduri. Sakemm ir-rikorrenti qed jitlob dikjrazzjoni ta’ lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu u r-rimedju pekunjarji mill-Istat Malti huwa car li tali talbiet ma jistghu qatt ikunu indirizzati fil-konfront tal-esponenti ghaliex l-esponenti zgur li mhijiex l-awtorita` gudizzjarja li hadet id-decizjoniiet li minnhom ir-rikorrenti issa qed jilmenta u lanqas l-Istat li jista’ jkun tenut jaghti tali rimedji. Dak li ghamlet l-esponenti kien biss li ezercitat il-jeddijiet kollha li ghandha skont il-ligi sabiex tittutela d-drittijiet taghha u ta’ iben il-partijiet in linea ma’ dak koncess mil-ligi. L-interess tal-esponenti huwa fil-fatt limitat ghall-fatt li dawn il-proceduri m’ghandhom iservu bl-ebda mod sabiex ixekklu jew bi kwalunkwe mod iehor jinfluwenzaw l-andament tal-proceduri l-ohrajn li fihom hija tinsab involuta kontra r-rikorrenti odjerni u li jinsabu pendenti quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Kif jinsab eccepit hawn taht l-esponenti tifhem li m’huwiex il-kompitu ta’ dina l-Onorabbli Qorti li tissindika dak deciz mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)* ***<u>u dana mill-aspetti tal-mertu tal-kawza</u>*** *u konsegwentement, una volta determinat dan, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponenti teccepixxi wkoll l-intempestivita` tal-proceduri odjerni stante li r-rikorrenti ghandu r-rimedju ordinarju effettiv li jitlob ir-revoka contrario imperio jew jappella mid-digrieti moghtija mill-Qorti tal-Familja u li huwa ma jhossx li huwa gusti, liema rimedju ordinarju ma jidhirx li r-rikorrenti utilizza. Illi jsegwi ghalhekk illi ladarba r-rikorrenti ghandu l-fakulta` illi jikkontesta u/jew jappella mill-pronunzjamenti tal-Onorabbli Qorti, ma jistax juza l-fakulta` ta’ proceduri kostituzzjonali sabiex donnu jaghmel appell minn dawn id-decizjonijiet. M’hijiex il-mansjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti illi tagixxi ta’ qorti ta’ revizjoni mid-decizjonijiet tal-Qorti*

*tal-Familja. Billi ghalhekk ir-rikorrenti kellu f'idejh **rimedji ordinarji** biex jindirizzaw l-ilmenti taghhu, huwa l-kaz li din l-Onorabbli Qorti toqghod lura milli tinqeda bis-setghet kostituzzjonali u konvenzjonali taghha skont il-proviso tal-art. 46(2) tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-proviso tal-art. 4(2) tal-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja** (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

3. *Illi b'zieda mas-surreferit ghandu jigi kkunsidrat ukoll li r-rikorrenti fl-ebda mument ma twaqqaf milli jaghmel tentattivi ta' xi xorta sabiex jibdel jew jirrevoka d-digrieti li jsemmi fir-rikors tieghu jew li l-istess rikorrenti jappella minnhom kif jinghad hawn fuq u ghalhekk ukoll ir-rikorrenti ma jistax issa jilmenta minn digrieta jew decizjoni li tat l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-tmexxija tal-kawza meta huwa stess ghazel li ma jezercitax id-drittijiet koncessi lilu sabiex ibiddel tali decizjonijiet u kwindi volvontarjament issokkomba ghalihom.*

4. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab maghmul abbazi tal-art. 6, jinghad illi l-proceduri jridu jigu kkunsidrati b'mod shih. Kull kaz irid jigi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalita` tal-proceduri u mhux fir-rigward ta' moment specifiku; u kull kaz ghandu jigi studjat skont il-fattispecji tieghu. Illi huwa risaput li l-Qrati huma moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna ghal smiegh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgieba tal-awtorita` guridika, limitatament fil-kuntest ta' tali allegazzjoni. Izda din is-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li dina l-Onor. Qorti ma tistax tqis jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri v. Avukat Generali et.** deciza fit-2 t'Ottubru, 2001 fost diversi ohrajn). Ghaldaqstant **l-esponenti teccepixxi li dina l-Onorabbli Qorti ma tistax in linea ta' rimedju tipprovdi ghall-andament tal-kawza b'mod differenti minn dak li, skont il-ligi tal-procedura civili, tiddekreta l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bhala l-Qorti munita bil-kompetenza necessarja u li qieghda prezentement tisma' l-kaz. Fi kliem semplici, dawn il-proceduri ma jistghux jigu utilizzati sabiex l-andament tal-kawza quddiem il-Qorti Civili***

***<u>(Sezzjoni tal-Familja) jigi zgwidat jew dirottat fil-mertu minn parti jew ohra jew biex parti totjeni l-ghalueq tal-provi ta' parti ohra fi proceduri ohrajn. Ir-rimedju f'dak il-kaz irid jinghata jew mill-istess Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jew mill-Onor. Qorti tal-Appell fuq appell tal-parti interessata imma certament mhux minn dina l-Onorabbli Qorti li, fir-rigward tal-proceduri l-ohrajn m'ghandha l-ebda kompetenza jew setgha.</u>***

5. *Illi fil-fatt ghandu jirrizulta li l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) dejjem agixxiet bil-mod ekwu u imparzjali spettanti minn awtorita` gudizzjarja b'rispett shih mhux biss lejn id-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq tal-partijiet rispettivi imma wkoll lejn id-dritt tal-istess partijiet ghal proceduri li fihom lanqas ma jkunx hemm lezjoni tal-principju ta' equality of arms jew audi alteram partem. Ghandu jirrizulta car mill-atti illi l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) dejjem agixxiet ukoll fl-interess suprem tat-tifel minuri tal-partijiet u wara li qieset b'mod debitu ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inklzu l-informazzjoni li bdiet tohrog mix-xhieda prodotta mill-esponenti u kwindi id-decizjonijiet kollha taghha kienu motivati minn ghan legittimu. Ghalhekk ukoll m'ghandux jirrizulta ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.*

6. *Illi fil-fatt huwa risaput u jinsab diga` deciz li "child custody and visitation disputes are among the most difficult for judges to decide. These disputes entail complex legal, social, cultural, economic, mental health and related issues" (Rikors Nru 194/2011 deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-11 ta' Dicembru, 2012. Fil-kaz odjern, jirrizulta car mill-atti illi l-minuri kellu jigi mismugh diversi drabi kemm mill-Onor. Qorti u kif ukoll mill avukat tat-tfal, kien hemm talbiet ghall-hatriet ta' psikologi, kien hemm ukoll periti legali li kellhom jirrelataw u xhieda teknika, b'mod partikulari koncernanti trusts, li kellha tinstema`. Kien hemm ukoll diversi xhieda barranin x'jinstemghu u d-dilungar irrizulta wkoll meta, diversi drabi, l-istess rikorrenti kien ikun msiefer barra minn Malta. Iktar minn hekk il-kaz odjern gie rez aktar kumpless in vista tat-tentattivi car tar-rikorrenti li jahbi assi tal-komunjoni tal-akkwisti, anke tramite l-ghajnuna ta' professjonisti. Ricentement l-esponenti skopriet li nbieghet ukoll il-proprjeta` li fiha kien qed jirrisjedi r-rikorrenti odjern u ghalhekk kien*

*hemm xhieda ohrajn x'jinstemghu. Kien hemm ukoll differimenti li saru bi qbil bejn iz-zewg partijiettant illi sat-18 ta' Jannar, 2022 kien hemm sahansitra talba ghal differiment mhux opposta, seduti li fihom ir-rikorrenti odjerni naqas milli jattendi u wkoll milli jkun debitament patrocinat, seduti anke ricentement fejn intalab zmien sabiex l-avukat il-gdid tieghu jiffamiljarizza ruhu mal-process. Ricentement ukoll kien hemm sahansitra zmien twil hafna li fih ir-rikorrenti odjern ikkontesta l-produzzjoni ta' xhud essenzjali ossija Hans Eggenberger anke wara digriet tal-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u dana mhux ghal ragunijiet marbutin mad-dewmien tant illi, kienet proprju din il-kontestazzjoni li waslet ghal diversi differimenti qabel ma' tali xhud gie kostrett illi jattendi u jaghti x-xhieda tieghu. F'tali rigward ir-rikorrenti sahansitra ried illi jappella mid-decizjoni li dan ix-xhud jinstema' imma dan it-tentattiv ta'dilungar ulterjuri da parti tieghu gie gustament michud mill-Qorti. Issa li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tinsab terminata permezz tas-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell datat 30 ta' Settembru, 2016 lanqas f'tali rigward ma jista' r-rikorrenti jilmenta minn pregudizzju tenut kont li l-ezercizzjoni li qed isir issa huwa wiehed intiz sabiex jiddetermina l-estent shih ta' tali komunjoni u l-konsegwenti likwidazzjoni tal-istess. Huwa proprju dan l-ezercizzju li r-rikorrenti qed jipprova jevita tramite dawn il-proceduri. Perdipiu`, kif nutat ukoll mill-Onor. Qorti tal-Appell kienu jezistu ragunijiet impellenti ta' sahha tal-esponenti li fil-fatt ukoll influwixxew fuq il-possibilita` li jittressqu l-provi kollha fi zmien limitat kif donnu jippretendi issa r-rikorrenti. Min-naha taghha, l-esponenti dejjem imxiet ma' dak rikjest u sahansitra elenkat ix-xhieda li kellha tressaq u fil-fatt il-provi qed jingabru b'mod spedit.*

7. *Illi fir-rigward tal-gbir tal-provi wkoll, bil-kontra ta' dak lamentat mir-rikorrenti, xejn ma jeskludi li r-rikorrenti odjern jigbor il-provi mehtiega minnu – inkluz permezz ta' affidavits – in anticipazzjoni ghall-istadju opportun sabiex jipprezentahom. Imputet sibi jekk imbaghad xhieda gew neqsin jew tilef il-kuntatt minn maghhom jew tilfu l-memorja semplicement in vista tan-nuqqas tieghu li jimxi kif rikjest minnu bhala bonus paterfamilias fir-rigward ta' dawk l-elementi ta' evidenza li huwa stess ikun naqas li jigbor jew li jikkonserva.*

8. *Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*
9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2023, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 22) b'affidavit tiegħu stess, b'dokumenti annessi (fol 23 sa fol 80). Rat ukoll it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja bir-referenza **188/05 JPG** u rat li bi qbil bejn il-partijiet l-istess proċess għandu jifforma parti mill-provi fil-kawża odjerna.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, xehdu **Dr Joseph J. Vella** u **Dr Anne Marie Bisazza** prodotti mir-rikorrent. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tar-rikorrent li ma kellhomx iktar provi x'jipproduċu.

Rat illi l-intimata Josette Lewis ippreżentat nota (fol 93) b'affidavit tagħha stess (fol 94 sa fol 95). Rat ukoll illi xehed ir-rikorrent **Andrew Imre Gatesy** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimata Josette Lewis li ma kellux iktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2024 xehdet **Josette Lewis** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-Avukat tal-Istat li ma kellux provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2024, id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża u ħadet konjizzjoni tan-nota ta' referenzi ppreżentata mir-rikorrent għal dan il-għan, għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi r-rikorrent, **Andrew Imre Gatesy**, fl-affidavit tiegħu jgħid li fil-15 ta' Ġunju 2005, l-ex-mara tiegħu, Josette Lewis bdiet proċeduri ta' separazzjoni personali fl-ismijiet **Josette Gatesy vs Andrew Imre Gatesy** (Rik: 188/2005 JPG). Jispjega li dak iż-żmien hu kellu wieħed u erbgħin (41) sena u llum għandu disgħa u ħamsin (59) sena. Jgħid li tul dan iż-żmien mhux talli l-kawża msemmija għadha mhix konkluża iżda l-ex martu għadha lanqas għalqet il-provi tagħha u għalhekk isostni li wara dan iż-żmien kollu għadu jistenna li

jressaq il-provi tiegħu u li l-kawża tiġi konkluża - iżda jikkontendi li t-tmiem għadu l-bogħod u għalhekk kellu jintavola dawn il-proċeduri.

Jispjega li Josette Lewis s'issa kellha mitejn u tnax (212)-il xahar sabiex tipproduċi u tikkonkludi l-provi tagħha. Isostni li l-kawża tiegħu hija mwaħħla u naturalment hu entużjast sabiex ikollu l-opportunita' jgħid il-verżjoni tiegħu tal-fatti u jipproduċi l-provi u x-xhieda tiegħu. Isostni li kien hemm perjodi, kultant anke snin, fejn l-ex martu ma pproduċiet l-ebda prova u anke marret kontra ordnijiet tal-Qorti. Jikkontendi li ġieli uriet nuqqas t'interess fil-kawża li fetħet hi stess, liema mġieba tmur kontra il-prinċipji tal-liġi u l-proċedura legali.

Jgħid li dan id-dewmien kellu effett negattiv fuq il-ħajja tiegħu, kemm personali u kif ukoll professjonali, u dan f'modi diversi u varji. Jispjega li minħabba ż-żmien li għadda hu qatt ma seta' jagħmel il-kawża tiegħu kif xtaq inizzjalment u dana stante li l-iktar xhieda importanti għalih ġew neqsin u l-memorja tiegħu m'għadhiex daqshekk ċara. Jispjega fost oħrajn, li ommu flimkien ma ħabib tal-familja li kien ilu jafu fuq erbgħin (40) sena ġew neqsin, mentri xhieda oħra professjonali, llum irtiraw u m'għadhomx disponibbli. Jikkontendi li dan kollu jwaqqa' għar-redikolu l-prinċipju ta' *equality of arms*. Isostni li kull xhud li jirnexxielu jipproduċi eventwalment ħa jkun żvantaġġjat minħabba ż-żmien li għadda.

Jispjega li l-frustrazzjoni tiegħu tikber aktar meta jisma' l-ġustifikazzjonijiet użati sabiex jittawlu l-proċeduri. Jgħid li bħala l-konvenut fil-proċeduri msemmija hu m'għandu l-ebda għażla għajr li jibqa' fis-silenzju u jistenna li jmiss lilu jitkellem. Jispjega li tul is-snin ġie mgħajjat kemm -il darba biex iwieġeb mistoqsijiet u jipproduċi dokumenti u dejjem għamel dan iżda donnhom it-tweġibiet tiegħu dejjem ġabu aktar mistoqsijiet, li jfissru aktar dewmien. Isostni li ħafna mill-mistoqsijiet kienu repetittivi u jikkonċernaw snin wara li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata mill-Qorti tal-Appell fis-sena 2016 u jikkonsistu biss f'*fishing expedition*.

Jikkontendi li l-iżvantaġġ tiegħu huwa l-fatt li ġej minn familja *benestanti* u li għalhekk huwa kontinwament akkużat li qed jaħbi l-assi sabiex l-ex martu ma tieħux dak li hu lilha mistħoqq.

Jgħid li l-istess żwieġ diġa ġie ddikjarat null mill-Metropolitan Tribunal, liema deċiżjoni kienet anke kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fejn ġie konkluż li l-ex martu ma kinitx kapaċi taqdi dmirijietha fiż-żwieġ minħabba l-personalita' tagħha, liema sentenza ġiet reġistrata mill-Qrati Ċivili.

Jispjega li anke l-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fejn itterminat il-komunjoni tal-akkwisti, lura fl-2015, kienet ikkummentat dwar id-dewmien esaġerat u kkunsidrat li l-perjodu t'għaxar (10) snin kien biżżejjed sabiex tiskopri assi li r-rikorrent seta' kien qed jaħbi minnha. Isostni li minn dakinhar

għaddew ferm aktar snin. Jgħid li kien ittama li minn wara dakinhar l-affarijiet kellhom jimxu iżda ftit li xejn kien hemm progress.

Jgħid li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat diversi digrieti li permezz tagħhom stipulat żminijiet u/jew *deadlines* sabiex Josette Lewis tikkonkludi l-provi tagħha, iżda qatt ma mmaterjalizzaw u kull ordni tal-Qorti ġiet injorata. Isostni li kien hemm madwar tmien diġrieti f'dan is-sens, l-ewwel wieħed imur lura għas-sena 2010. Isostni li meta ħa jasal iż-żmien sabiex jippreżenta hu l-provi tiegħu, jissusspetta li jerġa' jkun hemm manipular għad-dewmien u jesprimi l-biża' tiegħu li jilħaq imut qabel ma jiġi deċiż finalment il-każ.

Jikkontendi li eżami tal-proċeduri juri li hu qatt ma tawwal jew ostakola il-proċeduri bi kwalunkwe mod. Jgħid li għaddew tmintax (18)-il sena li tulhom Josette Lewis biddlet żewġ avukati u nbidel il-ġudikant erba' (4) darbiet, iżda it-tmiem għadu l-bogħod u kien għalhekk li ħassu kostrett jibda l-proċeduri odjerni bit-tama li din il-Qorti tagħtih rimedju għas-sitwazzjoni li jinsab fiha.

In sostenn tal-affidavit tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopji tas-sentenzi minnu msemmija - li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu jelenka l-persuni li mietu jew irtiraw li kellhom ikunu xhieda fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja, fosthom, ommu li mietet ħdax (11)-il sena ilu, Saviour Portelli li miet u Caroline Bonnici Meilaq li llum irtirat. Jgħid li l-fatt li jrid b'mod regolari jiġi l-Qorti u jaħseb f'dak li ġara bejn għoxrin u tletin (20 – 30) sena ilu qed ikun ta' ostaklu biex ikompli b'ħajtu. Jispeċifika li t-tul tal-proċeduri affettwah emozzjonalment.

Fir-rigward ta' ibnu, jgħid li tilef iż-żmien meta kien qed jikber. Jispjega li llum ibnu għandu disgħa u għoxrin (29) sena u huwa miżżewweġ. Jgħid li fl-aħħar sentejn għamel kuntatt miegħu u għandhom relazzjoni tajba iżda fil-perjodu bejn meta kellu ħdax (11)-il sena u sebgħa u għoxrin (27) sena, dan it-tifel kien nieqes minn ħajtu kompletament. Jgħid li sa llum hemm munzelli ta' karti ta' provi li donnhom ma jispiċċaw qatt. Jispjega li anke fejn jidħlu provi dokumentarji, huwa diffiċli ħafna għalih li jżomm u jsib kull dokument minn dak iż-żmien 'l hawn.

In **kontro-eżami** jgħid li huwa jgħix l-Madliena u jsiefer fuq xogħol kull xahar. Jgħid li minkejja dan huwa attenda għal kważi kull seduta fil-kawża *de quo*. Jemfasizza li meta kien hemm bżonnu, dejjem kien preżenti u m'attendiex biss meta ma kienx hemm bżonnu. Jgħid li ftit li xejn kien hemm seduti li ġew differiti minħabba li hu ma kienx preżenti. Jikkonferma li l-kawża tul is-snin instemgħet minn tlett Imħallfin differenti u tliet assistenti ġudizzjarji differenti. Jgħid li dejjem attenda għas-seduti quddiem l-assistenti ġudizzjarji.

Mistoqsi kemm ilu mhux kuntent bis-sitwazzjoni tad-dewmien, jgħid li madwar tmienja jew għaxar snin. Jgħid li f'dak iż-żmien kien kontinwament jitlob lill-Qorti tagħlaq il-provi attriċi u jiġi ndikat li ser jingħalqu fi tliet (3) seduti iżda dan qatt ma seħħ. Mistoqsi dwar drabi li kien hu stess li talab differiment jgħid li f'għoxrin (20) sena kien hemm xi ftit minn dawn iżda jinsisti li dejjem kien hemm meta kien hemm il-bżonn li jkun hemm.

Mistoqsi jekk għamilx kuntatt ma' dawk ix-xhieda li rtiraw, jgħid li m'għamilx kuntatt magħhom mindu rtiraw. Jikkonferma li hemm xi tnejn (2) minnhom li jgħixu f'Malta, mentri oħrajn jgħixu barra minn Malta. Fir-rigward tax-xhieda li mietu jgħid li kien hemm każijiet fejn tlestew affidavits iżda jrid jivverifika x'hemm u x'm'hemmx. Jgħid li dan kien madwar ħmistax (15)-il sena ilu.

Mistoqsi dwar ibnu, jikkonferma li llum ibnu jaħdem miegħu. Jispjega li meta ibnu kellu ħdax (11)-il sena Josette Lewis kienet ipperswadietu li m'għandux permess jara lir-rikorrent u lil omm ir-rikorrent aktar. Jgħid li huma dejjem baqgħu jibgħatulu rigali t'għeluq sninu u tal-Milied, jispjega li meta omm ir-rikorrent kienet qed tmur, l-mara tiegħu ma ħallitiex tara lil binhom. Jgħid li sentejn ilu għamel kuntatt miegħu għax ra li żżewweġ u ibnu nfurmah li kien qata' kuntatt m'ommu u minn hemm bnew relazzjoni. Jgħidu li għandu dispjaċir kbir dwar is-snin li tilef.

Mistoqsi għaliex ma ppruvax jagħmel kuntatt ma' ibnu meta għalaq tmintax (18)-il sena, jgħid li Josette Lewis kienet bidlitlu n-numru tal-mowbajl u lanqas ma kien iwieġeb il-bieb ta' barra. Jispjega li meta kien għadu minuri kellu aċċess iżda jew it-tifel ma kienx jiġi jew kien imur għalih u ma jsib lil ħadd. Mistoqsi dwar proċeduri oħra li ntavola kontra r-rikorrenti jgħid li riċentament fetaħ kawża għad-danni stante li ma kellux iħallas iktar manteniment lil Josette Lewis.

Fix-xhieda tiegħu **Dr Joseph J. Vella** jgħid illi hu ilu nvolut fil-kawża ta' separazzjoni personali *de quo* mill-bidu nett li hu madwar tmintax (18)-il sena ilu, liema separazzjoni kienet ikkaretterizzata bl-attenti tal-intimata li ttawwal. Jispjega li dan il-fatt jirriżulta minn ħafna fatturi fosthom: ir-rifjut ta' Josette Lewis li tiġi notifikata bl-atti fejn Marixxall kien ikollu jmur bejn tlieta (3) u erba' (4) darbiet u ħafna drabi intużat il-proċedura tal-pubblikazzjoni. Jgħid li l-attitudni tagħha kienet waħda ta' dilungar fejn ilha iktar minn tmintax (18)-il sena biex tagħlaq il-provi tagħha, fejn fosthom inħlew snin jinġiebu l-provi fuq *air miles.* Kien hemm ukoll snin fejn ma sarux seduta u kien hemm mill-inqas tmien (8) digrieti jordnaw lill-istess Josette Lewis tagħlaq il-provi tagħha u kull darba kienet toħroġ b'xi ħaġa ġdida. Jispjega li hemm sentenza tal-Qorti tal-

Appell tas-sena 2015 fejn dan ġie deplorat iżda xorta waħda s-sitwazzjoni baqgħet li kienet.

Jemfasizza l-bidliet li seħħew tul dawn is-snin fosthom, il-mewt ta' omm ir-rikorrent u ta' Saviour Portelli li kienu xhieda importanti f'dawn il-proċeduri, il-mard li ħakem lil ħuħ li rrendieh fi stat li ma jistax jixhed. Dawn kollha diffikultajiet li ġew ikkawżati bid-dilungar iżda l-agħar fattur jikkontendi huwa l-fatt li r-rikorrent ma jistax ikompli b'ħajtu, minkejja li ż-żwieġ illum huwa saħansitra annullat u l-unika ġlieda li fadal hija waħda dwar flus.

Mill-att ta' professjonist li kien qed jaħdem fuq il-każ jgħid li t-tul ta' żmien ikkawża diffikultajiet kbar prattiċi fis-sens li kull ma jmur sar iktar diffiċli sabiex jinstabu x-xhieda, iżżomm rendikont tad-dokumenti u ssib id-dokumenti meta professjonisti li ħadmu fuqhom bdew saħansitra jirtiraw.

Fix-xhieda tagħha, **Dr Annmarie Bisazza** tgħid li hi bdiet tassisti lir-rikorrenti meta kellha sitta u għoxrin (26) sena u llum għandha ħamsa u erbgħin (45) u għadha sa llum għadha ma bdietx tressaq il-provi li pproduċiet lura mill-2015. Tispjega li bħala professjonista legali tibda tipprepara l-provi bħal affidavits u dawn jibqgħu fil-kompjuter sakemm jasal iż-żmien li tipproduċihom. Tgħid li fil-frattemp numru mix-xhieda li kienet appuntu lestiet l-affidavits tagħhom mietu jew inħakkmu minn mard. Tgħid li tixtieq li dak iż-żmien kellha s-sens li titlobhom jaħilfuhom, iżda qatt ma bassret li kien ser jiġri dak li ġara.

Issostni li sabet diffikultajiet kbar sabiex il-klijent tagħha jinstema'. Tgħid li tul is-snin hi assistiet lir-rikorrent kemm fil-proċeduri tal-annullament u kemm fil-proċeduri għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-assi u kien hemm saħansitra Qrati oħra li wissew dwar id-dewmien li hu lampanti u evidenti.

Tikkontendi li r-rikorrent sofra danni irreparabbli partikolarment is-snin li tilef mit-trobbija t'ibnu, liema snin żgur li ma jistgħux jinġiebu lura. Tgħid li lilha personali jkidda l-fatt li f'das-snin kollha għadha ma kellhiex l-opportunita' f'dan il-każ partikolari li tagħmel xogħola u twassal il-verżjoni tal-patroċinat tagħha.

Fix-xhieda tagħha, l-intimata **Josette Lewis** tgħid illi hija konsapevoli li l-proċeduri odjerni jikkonsistu f'leżjoni ta' d-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq tar-rikorrenti fir-rigward tal-proċeduri ta' separazzjoni personali ta' bejniethom u f'dan ir-rigward tgħid li hi ma tistax tinżamm responsabbli għal mod kif jimxu l-proċeduri quddiem il-Qrati. Tgħid li s-sehem tagħha kien li tattendi għas-seduti, timxi mal-ordnijiet tal-Qorti u ma kienx hemm ebda dilungar da parti tagħha. Issostni li ħlief għas-snin bejn l-2015 u l-2018 meta kienet

medikament indisposta, hi dejjem attendiet għas-seduti. Tikkontendi li r-rikorrent ħafna drabi ma deherx għas-seduti.

Tispjega li l-proċeduri kienu mparzjali u l-ġudikanti dejjem aġixxew b'mod ekwu minkejja d-diffikultajiet li kien hemm fis-smigħ tal-kawża. Tgħid li binha, dak iż-żmien minuri, nstema' u kien hemm anke appuntat psikologiku. Tgħid li kien hemm ukoll numru ta' xhieda barranin li nstemgħu.

Issostni li d-dilungar huwa riżultat tal-mod kif ir-rikorrenti prova jiddevja mill-kors tal-ġustizzja. Tgħid li r-rikorrenti kien għal numru sew ta' seduti barra minn Malta u anke talab differimenti. Tispjega li l-kawża saret iktar kumplessa minħabba li huwa pprova jaħbi xi propjeta' u dan tramite professjonisti mqabbda minnu. Issemmi istanza fejn biegħ propjeta li kien jirrisjedi fiha u għalhekk kellhom jinstemgħu xhieda dwarha. Tgħid li kien hemm differimenti sabiex l-avukat il-ġdida tiegħu tiffarmiljarizza ruħha mal-każ kif ukoll perjodu fejn ir-rikorrent oppona għal xhud ordnat mill-Qorti. Għalkemm in kontro-ezami, tikkonferma li talbiet għal differimenti mid-difensur tar-rikorrent sabiex jiffamiljarizza ruħu mal-każ kien hemm waħda biss.

Tispjega li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ġiet terminata fit-30 ta' Settembru 2016 u għalhekk l-unika pendenza li kien baqa' bejniethom hija l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti u tikkontendi li r-rikorrent irid jevitaha. Tgħid li kien hemm saħansitra seduti li r-rikorrent m'attendiex għalihom anke wara li ntavola dawn il-proċeduri.

Tikkontendi li r-rikorrent qed jipproċedi kontriha bil-għan li jerġa' jmarradha jew biex hi ċċedi d-drittijiet tagħha. Tgħid li wara s-seduta tal-15 ta' Novembru 2023, il-provi tagħha huma magħluqa u jmiss lir-rikorrent iressaq issa l-provi tiegħu.

In **kontro-eżami** tikkonferma li kienet hi li ntavolat il-proċeduri ta' separazzjoni fil-15 ta' Ġunju 2005. Tikkonferma li hi għalqet il-provi tagħha f'dik il-kawża fil-15 ta' Novembru 2023 u li fil-frattemp ġew konklużi l-proċeduri tal-annullament quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku. Tikkonferma li fil-frattemp ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u r-rikorrent u li fis-sentenza tagħha fejn itterminat il-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tal-Appell għamlet aċċenn għad-dewmien fil-proċeduri tas-separazzjoni. Ukoll tikkonferma li hi konxja mill-verbal tal-4 ta' Ġunju 2010 fejn il-Qorti tal-Familja tagħta struzzjonijiet sabiex tibda' tikkonkludi l-provi tagħha, u d- digriet tat-8 ta' Lulju 2011, fejn il-Qorti kienet allokat tlett seduti sabiex tagħlaq il-provi tagħha. Tikkonferma wkoll li permezz ta' digriet tal-10 ta' Novembru 2011, il-Qorti kienet allokat żewġ seduti sabiex tagħlaq il-provi tagħha u li permezz ta' digriet datat 17 ta' Marzu 2017 il-Qorti kienet tat struzzjonijiet sabiex jiġu konklużi l-istess provi fis-seduti li kienu diġa' allokati quddiem l-assitent

ġudizzjarju. Finalment ikkonfermat li minkejja l-imsemmija digriet, kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri illi hi kkonkludiet il-provi tagħha.

Tikkonferma li r-rikorrent ma kienx preżenti għall-maġġoranza tas-seduti. Tgħid li kull meta ma kienx hemm għas-seduti dan irriżulta f'differimenti. Tikkonferma numru ta' istanzi fejn kienet hi li talbet differimenti li għalihom ma kienx hemm oġġezzjoni.

Tikkonferma li tul dan iż-żmien hi baqgħet tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tar-rikorrent, liema propjeta' hija propjeta' parafernali tar-rikorrent. Tikkonferma li tul dan il-perjodu, ir-rikorrent baqa' jħallasha l-manteniment ta' disa' mitt Ewro (€900) jitħallas kull xahar. Tispjega li r-rikorrent iħallas ukoll polza t'assigurazzjoni tas-saħħa għall-benefiċċju tagħha. Tagħmilha ċara li kontijiet relatati mad-dar jitħallsu minnha.

Mistoqsija x'inhi r-raġuni għaliex xhieda li talbet riċentament ma talbithomx fil-bidu tal-proċeduri, hi tgħid li kienet qed titlob dokumenti mir-rikorrent li baqa' ma pproduċiex. Mistoqsija jekk sabitx diffikultajiet biex tottjeni dokumenti minħabba t-trapass taż-żmien, tgħid li jista' jkun. Tgħid li meta kienu fl-istadju tal-medjazzjoni talbet id-dokumentazzjoni kemm-il darba mingħand ir-rikorrent, iżda qatt ma produċihom u għalhekk bdiet tiġbor id-dokumentazzjoni minn bnadi oħra.

Mistoqsija dwar ir-raġuni għaliex ma pproduċietx ix-xhieda b'mod iktar effikaċi, tispjega li dan kien minħabba li ma kinitx tkun taf bix-xhieda. Tikkonferma li minkejja li kien hemm u għad hemm proċeduri differenti pendenti, l-ebda minnhom ma kellhom l-effett li jwaqqfu l-proċeduri tas-separazzjoni personali.

Il-Qorti rat u ħadet konjizzjoni ukoll l-atti tal-kawża mertu ta' dawn il-proċeduri u li bi ftehim mal-partijiet, jagħmlu parti mill-provi ta' dawn il-proċeduri.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi mit-**<u>trattazzjoni</u>** magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrent,** fit-trattazzjoni tiegħu jibda biex jgħid li mhux talli l-proċeduri tas-separazzjoni *de quo* kissru d-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda talli ma setgħax jibda' jipproduċi l-provi tiegħu sa tmintax (18)-il sena, seba' (7) xhur u tlett (3) ijiem minn meta ġew inizjalati l-istess proċeduri. Dan id-dewmien wassal biex sofra preġudizzju u jsostni li din il-Qorti għandha tqis il-

fatti li minkejja diversi digrieti fejn il-Qorti ordnat lill-intimata Josette Lewis tikkonkludi l-provi tagħha, dawn ġew kollha injorati. Jgħid li l-ewwel digriet ta' din in-natura imur lura erbatax (14)-il sena. Jikkontendi li l-istess intimata għamlet dak kollu li setgħet sabiex ittawwal il-proċeduri. Jgħid li kien tmien (8) snin ilu meta l-Qorti tal-Appell ġibdet ukoll l-attenzjoni tal-Qorti tal-Familja dwar id-dewmien, fejn il-Qorti saħansitra ċaħdet il-ġustifikazzjoni tad-dewmien tal-intimata, u ċioe', li d-dewmien kien attriwibbli għall-fatt li r-rikorrent kien qed jaħbi l-assi minnha.

Jemfasizza li l-kwistjoni ma tikkonċernax biss id-dewmien fil-proċeduri iżda ż-żmien twil li għadda sabiex ir-rikorrent ikun jista' jibda jressaq il-provi tiegħu. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Massimo Abela vs Attorney General** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anton Camilleri vs Attorney General** deċiża fit-22 t'April 2015.

Fir-rigward ta' danni pekunjarju jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Marshall and Other vs Malta** u jgħid li d-difetti tas-sistema li tindirizza l-Qorti Ewropea huma preżenti anke f'dan il-każ. Isostni li ma hemm ebda rimedju fil-liġi għad-dewmien. Jikkontendi għalhekk li s-sistema falliet lir-rikorrent darbtejn u ċioe' l-ewwel billi kien prekluż milli jressaq il-provi tiegħu fi żmien raġonevoli u t-tieni, billi ma toffrix rimedju adegwat għal dan.

Isostni li in vista tal-preġudizzju li sofra mentalment u emozzjonalment kif ukoll l-ansjeta', din il-Qorti għandha tillikwida danni non-pekunjarju. Jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Apicella vs Italy** deċiża fid-29 ta' Marzu 2006. Jispjega li f'separazzjoni personali l-impatt huwa kbir speċjalment fejn hemm l-involviment tal-ulied. Jagħmel referenza għax-xhieda tiegħu fejn ġie spjegat x'fisser it-trapass taż-żmien għalih. Jispjega li huwa fatt magħruf li wieħed jibda jfiq mill-ġrieħi tiegħu u ħajtu tkun tista' titkompla meta l-każ huwa magħluq. Jgħid li d-dewmien ma jippermettix li jsir dan li fih innifsu jwassal għal konsegwenzi traġiċi. Jirreferi wkoll għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Valada Matos Das Neves v. Portugal** u **Behcet Tas v. Turkey**.

Isostni li b'differenza għal każijiet simili, il-każ tiegħu għadu mhux konkluż u b'hekk il-leżjoni għadha għaddejja.

Jgħid li fir-rigward ta' ibnu kien għamel diversi applikazzjonijiet lill-Qorti, iżda waqaf meta ra li dan kien qed ikun għad-detriment t'ibnu, li kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-annullament kien soġġett għal *parental alienation*. Isostni li għalkemm il-Qrati Kostituzzjonali normalment jillikwidaw danni morali f'ammonti minimi f'każijiet dwar dewmien f'każijiet ċivili, dawn il-kawżi kienu jikkonċernaw propjeta' u mhux bħal dak fil-każ odjern.

Min-naħa tiegħu, **l-Avukat tal-Istat** jibda biex jgħid li meta tiġi kkunsidrata leżjoni tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 39, il-Qorti trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu u ċioe' n-natura u l-kumplessita' tal-każ. Iridu jitqiesu wkoll l-azzjonijiet taż-żewġ partijiet u l-imġieba tal-Qorti. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Circosta Viola vs Italy**, kif ukoll **Union Elementary SA vs Spain** u **Akhil vs Germany**.

Fir-rigward tan-natura u l-kumplessita' tal-każ, jgħid li jirriżulta li l-każ in eżami huwa pjuttost kontenzjuż u għalhekk tiżdied il-kumplessita'. Fir-rigward tal-azzjonijiet taż-żewġ partijiet jgħid li mingħajr ma jidħol f'dettal jirriżulta li kien hemm nuqqas t'attendenza miż-żewġ partijiet. Jispjega li mill-atti ma jirriżulta mkien li l-Qorti pprojbixxiet lir-rikorrent milli jara lill-ibnu u r-rikorrent qatt m'għamel ilment lil Qorti f'dan is-sens. Jgħid li lanqas ma ra fil-proċess talba ai termini tal-Artikolu 1955A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn parti tista' titlob bidla fil-ġudikant fejn każ ikun ilu pendenti aktar minn tliet snin. Iżid li min-naħa tiegħu r-rikorrent intavola l-proċeduri t'annullament u dawk għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fl-2015, u mhux qabel. Jikkontendi li lanqas ma r-rikorrent ġab prova tal-impatt li kellu d-dewmien fuq ħajtu. Fir-rigward tal-provi rigward persuni li mietu fil-mori tal-proċeduri *de quo*, jgħid li persuna mietet fl-2005 u l-oħra fl-2011, isostni li dan jiġri irrelevanti miż-żmien li jgħaddi għax ikun hemm anke każijiet fejn xhieda jinsew il-fatt fi spazju ta' ftit ġimgħat. Jikkontendi li f'dan il-punt ma tantx x'fadal x'jiġi deċiż fis-separazzjoni personali stante li ħafna kwistjonijiet diġa' ġew deċiżi separatament.

Fir-rigward tar-rimedji jgħid b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited vs l-Awtorita ta' Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar** deċiża fit-3 ta' Frar 2009, kif ukoll **John A. Said pro et noe vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011, li f'istanzi bħal dawn m'hemmx lok għal danni pekunjarji. Għal dak li għandu x'jaqsam ma danni morali jgħid li normalment dak ikun wieħed baxx minħabba li huma każijiet ta' natura ċivili u mhux kriminali u dana stante l-impatt fuq il-ħajja personali. In sosten ta' dan jirreferi għal numru ta' deċiżjonijiet fejn il-kumpens kien bejn seba' mija u elfejn Ewro.

Da parti tagħha, l-intimata **Josette Lewis** tibda biex tgħid li mhux normali li proċeduri ta' separazzjoni jieħdu daqshekk fit-tul, iżda dak li jrid jiġi investigat huwa propju r-raġuni għaliex dawn il-proċeduri ħadu daqshekk fit-tul. Tikkontendi li r-raġuni għal dan kien proprju li l-intimata riedet tistabilixxi permezz tal-provi tagħha fhiex kienet tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti li

kellhom il-partijiet. Tispjega li l-Qorti fehmitha din il-pożizzjoni u tatha kull opportunita' sabiex tagħmel il-provi neċessarji. Tgħid li dan ried isir b'xhieda partikolari. Tispjega li r-rikorrent ma kkopera bl-ebda mod f'dan ir-rigward, la mal-intimata u aktar gravi minn hekk mal-Qorti nnifisha. Tikkontendi li r-rikorrent għamel snin ma jimpurtahx mill-kawża *de quo* sakemm fl-aħħar ra li qed iddum wisq u/jew li ġejja kontrih u rritalja billi ntavola l-proċeduri odjerni. Tgħid li mill-verbali jirriżulta li fl-ebda punt ma kien hemm oġġezzjoni min-naħa tar-rikorrent għad-differimenti mitluba. Issostni li xi ħadd li jkun imċaħħad minn ibnu u li qed ikun hemm impatt finanzjarju fuqu, ċertament li jara li l-każ jimxi u mhux jikser l-ordnijiet tal-Qorti. Tispjega li hemm ukoll il-possibilita' li wieħed jappella minn deċiżjoni fejn jingħata differiment ieħor għax-xhieda ta' parti, iżda tali proċedura qatt ma ntużat mir-rikorrent.

Issostni li in vista tal-fatt li l-unika deċiżjoni pendenti hija dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tgħid li l-prova tal-preġudizzju li qed isofri r-rikorrenti hija monka. Temfasizza l-fatt li m'hemm xejn fl-atti tal-kawża *de quo* li juri li r-rikorrent kien imċaħħad minn ibnu. Tikkontendi li dan juri l-attitudni li biha kien qed jimxi r-rikorrent tul dawk is-snin.

Tgħid li mhuwiex rari li xhud jiġi nieqes, kif ukoll li l-memorji tax-xhieda m'għandhomx limitazzjonijiet stante li tiddependi mill-persuna u huwa għalhekk li d-difensuri legali għandhom l-obbligu li jibdew jiġru l-provi mill-istadji inizzjali. Tikkontendi li xejn minn dan ma sar. Tgħid li mhuwiex ġust li f'din il-kawża r-rikorrent qed jattribwixxi t-tort lilha meta kawżi ta' natura kostituzzjonali huma primarjament kontra l-istat u mhux kontra l-individwu. Finalment issostni li eżami sew tal-fatti juri li r-rikorrent ċertament ma kienx vittma f'dak kollu li seħħ.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati.

## <u>Eċċezzjoni dwar li għandu jkun parti fil-kawża Alexander Gatesy</u>

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li għandu jiġi kjamat fil-kawża iben ir-rikorrent u l-intimata, Alexander Gatesy, stante li bħala minuri kien parti fil-kawża 188/2005.

Il-Qorti tinnota li din l-eċċezzjoni ma ġiet trattata fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri u li l-istess Avukat tal-Istat bl-ebda mod ma insista fuqha. Il-Qorti

tosserva wkoll li Alexander Gatesy ma kellu l-ebda sehem attiv fil-proċeduri tas-separazzjoni personali tal-ġenituri tiegħu u għalhekk ma tqisx is-sehem tiegħu f'din il-kawża bħala wieħed neċessarju.

**Għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

**Eċċezzjoni li Josette Lewis mhix il-leġittimu kontradittur**

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-intimata Josette Lewis teċċepixxi li mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li l-ilment tar-rikorrent hu dirett kontra l-Istat.

Il-Qorti tinnota li l-proċeduri odjerni jikkonċernaw ilment ta' dewmien f'kawża ta' separazzjoni personali bejn ir-rikorrent u l-intimata Josette Lewis. Għalhekk jista' jagħti l-każ li dak li jiġi deċiż fil-każ odjern ikollu impatt dirett fuq l-istess proċeduri ta' separazzjoni. Isegwi għalhekk li ċertament li l-intimata Josette Lewis għandha interess fil-proċeduri odjerni u c-caħda ta' din l-eċċezzjoni tal-intimata ser ikun qed isir ukoll u fuq kollox fl-aħjar interess tagħha stess.

**Għaldaqstant, ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Josette Lewis.**

**Eċċezzjoni li r-rikorrent m'eżawrixiex ir-rimedji ordinarji**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha l-intimata Josette Lewis teċċepixxi li din il-Qorti għandha, ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha in vista tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji li kienu u għadhom disponibbli għar-rikorrent.

L-intimata tispjega li l-imsemmija rimedji jikkonsistu f'appelli minn digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Familja.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014:

*Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "***Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et***" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali.*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[1] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi*

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

*ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[2]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.*[3]

*Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha.*[4]

*"l-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja.*[5]*.*

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnu.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[6]:

*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*

Isegwi li għalhekk, din il-Qorti trid tikkunsidra jekk l-appell mid-digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Familja, fuq imsemmija, kienx jikkonsisti f'rimedju ordinarju, aċċessibbli, xieraq, effettiv u effikaċi għall-ilment imressaq mir-rikorrent.

---

[2] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[3] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995
[4] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[5] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[6] Rik 40/10

Il-Qorti tosserva li fl-ilment tiegħu r-rikorrent mhux qed jattakka ebda deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja. L-ilment tar-rikorrent huwa propju dwar dewmien tal-proċeduri u speċifikament it-tul taż-żmien li damet l-intimata Lewis sabiex ikkonkludiet il-provi tagħha fl-istess proċeduri.

Ma hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li appell mid-digrieti msemmija ma kinitx ser tindirizza l-istess ilmenti u filfatt saħansitra jkollu l-effett li jtawwal aktar il-proċeduri. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju adegwat li seta' ndirizza l-ilment minnu mressaq.

**Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Josette Lewis.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li qed jiġu leżi u vvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** jgħid testwalment hekk:

> *(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

Filwaqt li l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid is-segwenti:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Stante li l-ilment tar-rikorrent jikkonċerna d-dewmien fil-proċeduri, il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Konig vs Germany** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1978, fejn il-Qorti qalet:

> *98.... As regards the period to which Article 6 (art. 6) is applicable, the Court has held that in criminal matters this period covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (above-mentioned Wemhoff judgment, pp. 26 and 27, paras. 18 and 20; above-mentioned Neumeister judgment, p. 41, para. 19; Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, paras. 25 and 26). The position - as, moreover, the Government concede - is no different in the case of disputes ("contestations") over civil rights and obligations for which Article 6 para. 1 (art. 6-1) likewise requires that there be - at first instance, on appeal or in cassation – a determination.*
>
> *99. The reasonableness of the duration of proceedings covered by Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention must be assessed in each case according to its circumstances. When enquiring into the reasonableness of the duration of criminal proceedings, the Court has had regard, inter alia, to the complexity of the case, to the applicant's conduct and to the manner in which the matter was dealt with by the administrative and judicial authorities (above-mentioned Neumeister judgment, pp. 42-43, paras. 20-21; above-mentioned Ringeisen judgment, p. 45, para. 110). The Court, like those appearing before it, considers that the same criteria must serve in the present case as the basis for its examination of the question whether the duration of the proceedings before the administrative courts exceeded the reasonable time stipulated by Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Magħruf dan il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-fatti tal-każ odjern.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li hi kellha l-opportunita' tara u tifli l-proċess relatat mal-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti bir-referenza 188/2005 JPG li sa llum jikkonsisti fi ħmistax-il volum, flimkien ma' dokumenti addizzjonali u 'l fuq minn tlett' elef u tliet mitt (3,300) paġna. Il-proċeduri bdew b'rikors ġuramentat tal-15 ta' Ġunju 2005 u għadhom sal-lum pendenti.

Tosserva wkoll li kien hemm l-involviment ta' tliet Imħallfin differenti u erba' assistenti ġudizzjarji u/jew periti legali. Oltre' minn hekk tosserva li l-provi attriċi ġew konklużi fil-11 ta' Ottubru tas-sena 2023.

Qabel ma tgħaddi sabiex tevalwa x'wassal għad-dewmien tal-proċeduri *de quo*, il-Qorti ser tagħmel ftit osservazzjonijiet.

Primarjament, din il-kawża tikkonċerna proċeduri li għadhom għaddejjin u għalhekk ċertament li mhix ser tidħol fil-mertu tal-istess proċeduri stante li dawk huma l-kopitu ta' Qorti oħra li quddiemha fil-fatt jinsabu, u għalhekk tagħmilha ċara li kull kunsiderazzjoni u kwalunkwe osservazzjonijiet li għamlet sa issa u li ser tagħmel minn issa l-quddiem, huma relatati mad-dewmien fil-proċeduri u mhux mal-mertu nniffsu.

Fit-tieni lok, il-Qorti tħoss li l-ebda proċedura legali, mhux lanqas waħda ta' seperazzjoni personali, m'għandha ddum dsatax (19)-il sena u fuqhom sabiex tiġi deċiża – dawn huma proċeduri li jikkonċernaw ħajjet in-nies, emozzjonijiet u ansjetajiet fost oħrajn, u ħadd m'għandu jkun ostaġġ ta' trapass ta' żmien inutili sabiex issir ġustizzja għax dan iwassal biss għal telf ta' żmien prezzjuż minn ħajjet in-nies, ħajja li diġa' minnha nnifisha hija qasira.

Il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina t-tlett fatturi fuq elenkati li l-Qorti trid tqis fl-evalwazzjoni tagħha.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

*Il-kumplessita' tal-każ*

Il-każ *in materja* huwa wieħed ta' separazzjoni personali. Jirriżulta li meta beda l-każ kien hemm minuri nvolut li ilu 'l fuq minn għaxar (10) snin li laħaq l-eta' maġġorenni u jirriżulta li kien hemm ċertu ammont ta' proprjeta' involuta, partikolarment isħma f'kumpannija.

Madanakollu, din il-Qorti tosserva li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġiet terminata fil-mori tal-proċeduri u ċioe' fit-30 ta' Settembru 2016 u l-istess żwieġ ġie annullat fis-sena 2018. B'hekk jirriżulta li l-unika pendenza li baqa' illum hija dwar il-qasma tal-propjeta' komuni.

Tosserva wkoll li kien hemm numru sostanzjali ta' xhieda – iżda ser tkun qed tikkunsidra dan mal-kunsiderazzjonijiet dwar l-aġir tal-partijiet.

Din il-Qorti tikkonċedi li meta jkun hemm numru ta' assi nvoluti l-affarijiet jistgħu jikkomplikaw xi ftit ruħhom, iżda dan ċertament ma jiġġustifikax id-dewmien ta' 'l fuq minn dsatax (19)-il sena. Assi f'Malta, konsistenti f'ishma, depositi, proprjeta' immobbli, vetturi, dgħajjes u ħafna assi oħra huma facilment ppruvati billi, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jew fin-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti jew oħra, jitressqu xhieda appożiti bħal banek, reġistratur tal-artijiet, reġistru pubbliku u kull awtorita' oħra fejn hemm reġistrazzjoni ta' assi sabiex issir il-prova.

**B'hekk din il-Qorti tqis li dan il-każ ta' separazzjoni seta' ġab diffikultajiet u dewmien minħabba l-ammont ta' assi - iżda dan waħdu ma jiġġustifikax id-dewmien esaġerat li hija esperjenzata f'din il-kawza partikolari.**

*L-imġieba tal-Qorti*

Kif diġa ingħad, din il-Qorti tosserva li fil-każ *de quo* kien hemm tibdil fl-Imħallfin sedenti, bl-ewwel Imħallef li dam jippresjedi mill-bidu tal-kawża sa' Marzu tas-sena 2018, imbagħad it-tieni Mħallef li ppresjeda sa' Marzu tas-sena 2019, wara liema perjodu daħal jippresjedi it-tielet Mħallef li għadha tippresjedi l-kawża fil-preżent.

Il-Qorti tosserva li minkejja t-tibdil fl-Imħallfin, ma jistax jingħad li l-Qorti ma kinitx konsistenti jew b'xi mod kkontribwiet hi stess għad-dewmien. F'perjodu ta' dsatax-il sena jirriżulta li hemm mija u tnax-il verbal, u ċioe' medja ta' seduta kull xahrejn. Minn dawn is-seduti kienu biss disgħa (9) id-differimenti minħabba indisposizzjoni tal-Qorti nnifisha, u ċioe' medja ta' wieħed f'sentejn.

Din il-Qorti trid tosserva illi mhux dejjem ikun faċli għal ġudikant illi "jiret" kawża ta' ġudikant ieħor, u per neċessita' illi il-ġudikant il-ġdid ikollu bżonn ammon ta' żmien biex jambjenta ruħu mal-kawża li jkun wiret. Ma hemmx isbaħ milli kawża jgħixha ġudikant wieħed mill-bidu sal-aħħar, iżda huwa ben mgħaruf u aċċettat illi dan ma jkunx dejjem possibbli minħabba eżiġenza jew oħra. B'dana kollu, f'dan il-każ partikolari il-Qorti ma tistax tasal tikkonkludi illi l-bidla ta' tlett Imħallfin ġabet magħha xi dilungar fil-proċeduri inutili.

Oltre' minn hekk, minn analażi tal-proċess tal-kawża, din il-Qorti tosserva li kull meta kien hemm rikorsi *ad hoc* dawn dejjem ġew indirizzati mingħajr dewmien u sussegwentament dekretati fi żmien raġonevoli.

Il-Qorti tosserva wkoll li matul is-snin ġew maħtura diversi assistenti ġudizzjarji u/jew periti legali bil-għan illi l-każ jiġi kemm jista' jkun spedit. Sfortunatament hemm rapport ta' espert minnhom li hu nieqes mill-proċess, iżda f'dak li jirriżulta jidher li kien hemm sitt (6) seduti addizzjonali bejn Ottubru 2005 sal-aħħar tas-sena 2006 u tlieta u għoxrin (23) seduta bejn l-2014 u l-2018 hekk mizmuma quddiem assistant ġudizzjajru jew perit legali.

Barra minn hekk il-Qorti tosserva wkoll li kemm-il darba l-Qorti ppruvat u ordnat lil lill-hanwekk intimata Josette Lewis sabiex tikkonkludi l-provi tagħha u kienet biss fuq il-konvinzjoni li kien hemm raġuni valida da parti tagħha illi għandha bżonn aktar żmien illi l-Qorti ma ddikjaratx il-provi tagħha magħluqa.

**B'hekk id-dewmien ċertament li mhux attriwibbli għall-imġieba tal-Qorti.**

*L-imġieba tal-Partijiet*

Il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-partijiet jattribwixxu d-dewmien lil xulxin, u ċioe' ir-rikorrent jissottometti li d-dewmien kien minħabba t-tul li ħadet Josette Lewis sabiex għamlet il-każ tagħha, mentri Josette Lewis tgħid li ħadet daqshekk fit-tul minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tar-rikorrent.

Jirriżulta li mill-mija u tnax-il verbal, l-intimata Josette Lewis kienet preżenti għal tmienja u erbgħin (48) seduta mentri r-rikorrent kien preżenti għal tlieta u għoxrin (23). Fir-rigward tas-seduti quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji u/jew Periti Legali, mid-disgħa u għoxrin (29) seduta, Josette Lewis kienet preżenti għal ħdax (11)-il seduta u r-rikorrent għal tmienja (8). Minkejja dan, il-Qorti tosserva li kien rari li seduta ma nżammitx minħabba l-assenza ta' xi ħadd mill-partijiet. Jirriżulta li Josette Lewis kienet nieqsa minn diversi seduti minħabba raġunijiet ta' saħħa mentri r-rikorrent kien nieqes minħabba xogħol barra minn Malta. Iżda, id-difensuri tagħhom kważi dejjem kienu preżenti u s-seduti xorta waħda nżammu.

L-intimata Josette Lewis, fil-bidu tal-proċeduri *de quo* ppreżentat lista estensiva ta' xhieda u tul is-snin ressqet madwar tnejn u tletin (32) xhud[7]. Skont nota tagħha stess, fl-2014 indikat li kien fadal tnax (12)-il xhud mentri fl-2018 indikat li kien għad fadal tmien (8) xhieda.

[7] Il-Qorti tfakkar li hemm rapport ta' Perit Legali li ma kellhiex aċċess għalih u b'hekk hemm żmien li mhux magħruf kemm telgħu xhieda.

Il-Qorti tifhem li mbagħad kien hemm sentejn li fihom ix-xogħol kollu tal-Qorti kien interott minħabba l-pandemija tal-COVID 19.

Jirriżulta wkoll li kien hemm numru ta' differimenti minħabba xhieda ta' persuna partikolari li r-rikorrenti qieset fondamentali għall-provi tagħha. Din il-Qorti mhix ser tagħmel ġudizzju dwar l-importanza tal-istess xhud stante li dan ikun qed jimpinġi fuq deċiżjoni dwar mertu tal-kawża.

Lanqas mhi din il-Qorti f'posizzjoni li tgħaddi ġudizzju fuq in-numru ta' xhieda iżda tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2016 li kien propju appell minn sentenza parzjali li ngħatat fil-kawża *de quo* dwar it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fejn il-Qorti qalet:

> *"7. Firstly, this Court deems it very opportune to observe that a period of 10 years is an exceedingly long period for any of the parties to a case to conclude his/her evidence; indeed it is a very long delay in relation to any judicial proceedings, particularly at first instance. In the circumstances this Court is not at all surprised at the First Court's repeated solicitations addressed to plaintiff in order that the latter concludes her evidence without delaying the proceedings any further.*
>
> *...ommississ...*
>
> *29. The above period should have been more than adequate for plaintiff to conclude her evidence. Considering the length of the period, plaintiff had ample opportunity to discover any assets which she claims defendant is hiding from her and from the Court.*
>
> *...ommississ...*
>
> *30. Thirdly, it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings."*

Din il-Qorti hija tal-istess fehma, u tagħmel aċċenn għall-fatt li minkejja din it-twiddiba fl-2016, l-intimata Lewis xorta waħda damet sas-sena 2023, u ċioe' seba' (7) snin aktar sabiex ikkonkludiet il-provi tagħha. Anke jekk għas-saħħa tal-argument wieħed jelimina s-sentejn ta' staġnar minħabba il-pandemija tal-COVID' 19, xorta jirriżulta li kien hemm dewmien ulterjuri ta' ħames (5) snin.

Da parti tiegħu, ir-rikorrent jgħid li hu dejjem ikkopera f'dak li kien minnu mitlub. Il-Qorti tinnota li filfatt ir-rikorrent xehed kemm-il darba fil-mori tal-kawża *de quo*. Naturalment, din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tanalizza jekk ir-rikorrent ħebiex assi jew le, jew kienx evaziv jew le fir-risposti tiegħu, għax dak huwa l-mertu li għad irid jiġi deċiż mill-Qorti kompetenti. Din il-Qorti hija tal-fehma pero' li r-rikorrent seta' min jheddu għamel id-dikjarazzjoni tal-assi u filfatt ir-rikorrent ressaq numru ta' affidavits minn jeddu iżda din ftit kien ser ikollha impatt in vista tal-fatt li kien hemm suspett ta' ħabi.

Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kemm-il darba ġibed l-attenzjoni tal-Qorti dwar id-dewmien u din il-Qorti tqis li kien ġustifikat jagħmel dan għax it-trapass taż-żmien kien qed ikollu effett dirett fuq il-kjarezza tal-memorja u d-disponibilita' tax-xhieda u l-evidenza li hu xtaq iressaq.

Madanakollu, huwa evidenti li dak li wassal sabiex ikun hemm dan id-dewmien kien il-fatt li l-intimata Lewis ma kinitx konsapevoli dwar x'assi kien hemm fil-komunjoni tal-akkwisti, liema fattur din il-Qorti għalhekk jeħtieġ tanalizza f'aktar dettal.

*L-iżvelar tal-assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet*

Mill-analiżi li għamlet din il-Qorti, dwar l-aġir tal-partijiet fil-kawża *de quo* u tal-kumplessita' tal-każ, jirriżulta li d-diffikulta' ewlenija fil-kawża *de quo* tikkonċerna l-iżvelar tal-assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti li eżistiet bejn ir-rikorrent u l-intimata Lewis, cioe' id-diffikulta' li setgħet rriskontrat l-hemmhekk rikorrenti sabiex iġġib l-aqwa prova tal-korp ta' assi li jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti – prova, li l-Qorti tqis leġittima illi trid tinġieb f'kawża ta' separazzjoni personali bħal din.

Da parti tiegħu r-rikorrent jinsisti li ta l-informazzjoni kollha li kien hemm x'jagħti mentri l-intimata Lewis kjarament għamlet a *fishing expedition* sabiex tistabilixxi l-kontenut tal-istess għax kellha suspett li r-rikorrent kien qed jaħbi. Din il-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu dwar kienx hemm ħabi għax mhux il-kompetenza tagħha li tagħmel dan iżjed u iżjed meta l-każ għadu *sub judice*.

Mill-banda l-oħra, għalkemm tqis li kwalunkwe *fishing expedition* fi proċeduri legali mhix sollecitata u m'għandiex tkun u m'għandhiex tiġi permessa minn Qorti, dan irid jiġi bilanċjat bil-fatt li parti f'separazzjoni għandha dritt għall-informazzjoni dwar il-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti biex tieħu tassew

dak li hu tagħha. Biss jekk l-intimata Lewis kellha suspetti raġonevoli li dak li kien qed jgħid ir-rikorrent ma kienx veritier, mela allura kellha kull opportunita' li tieħu passi ulterjuri dwar dan – azzjoni li hi qatt ma ħadet.

Dan huwa każ li beda fl-2005 u la dakinhar u lanqas illum, salv għal dak li hawn fuq jingħad, ma jeżisti rimedju u/jew soluzzjoni għal tali sitwazzjoni u dana stante li l-provi f'kawża ta' separazzjoni, bħal ħafna kawżi oħra, huma interament fir-responsabbilita' tal-parti li tkun qed tallega. Isegwi għalhekk li trid issir prova ta' kull tip ta' propjeta' li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-istat huwa ben konsapevoli ta' dan l-impass li jinqala' ta' sikwiet fil-proċeduri ta' separazzjoni personali u filfatt wieħed mill-punti ewlenin fir-Riforma tal-Qorti tal-Familja[8], f'dokument ippubblikat mill-Ministeru kkonċernat għall-konsultazzjoni pubblika li ġiet konkluża fil-11 ta' Novembru 2024 fis-sezzjoni 'Key Proposals' hemm is-segwenti:

> *As part of the reform of the Family Court timeframes, it is important to address the procedure of the dissolution of the Community of Acquests. Currently, until the Court decides on dissolution, the parties are not allowed to make certain acquisitions without the other party's consent. Therefore, it has been suggested to fast-track this process by making necessary amendments to the Rules of Court.*
>
> *This ensures that the process is carried out more efficiently, with all legal safeguards, to ensure that the parties could move on with their lives as quickly as possible.*

Imbagħad fis-sezzjoni intitolata *Feedback from Public Meeting* jingħad is-segwenti:

> *In Family Court, part of the process involves dealing with the dissolution of the Community of Acquests. To ensure a fair mediation process, it has been suggested that there should be a way for both parties to end the Community of Acquests when mediation begins.* ***<u>This requires full disclosure right from the start</u>****, which means setting up a system that allows both parties to access all information regarding the Community of Acquests. To make this possible, an agreement should be reached with banks*

[8] https://justice.gov.mt/wp-content/uploads/2024/10/Riforma-Familja-24_-BookletEN-DIGITAL.pdf

> *so that, during the marriage and before separation, both parties have the right to obtain information from the banks about the assets of the other party.*

Il-Qorti hija tal-fehma li din hija propju l-problema u/jew l-ostakolu li għandha quddiema llum. Filwaqt għalhekk illi l-istat jidher illi huwa konxju tal-problema u qiegħed fil-proċess illi jindirizzaha, din il-Qorti tista' biss tirrikonoxxi dan u tissollecita lill-leġislatur sabiex ma jdumx ma jimplimenta leġislazzjoni li ttaffi problemi bħal dawn hawnhekk riskontrati. Iżżid biss, illi jkun opportun illi l-leġislatur jaħseb għal sanzjonijiet severi f'każ illi jirriżulta illi xi parti jew oħra tkun tat informazzjoni skorretta jew inkompleta fil-mument tad-*disclosure*, altrimenti tiddajjef is-saħħa ta' din il-parti tar-riforma.

Fil-każ li għandha quddiemha illum il-Qorti, l-intimata Lewis tissuspetta li r-rikorrent ħeba assi minnha, allegazzjoni li r-rikorrent jiċħad, iżda l-uniku mod kif l-intimata Lewis setgħet taċċerta ruħha minn dak li qed jgħid ir-rikorrent huwa billi ġġib għadd kbir ta' provi u xhieda. Sa ċertu punt il-Qorti li qed tippresjedi l-każ, għandha l-istess diffikulta' u huwa propju għalhekk li għalkemm il-Qorti tat *ultimatum* wara l-ieħor sabiex il-provi tal-intimata Lewis jiġu konklużi, kull darba reġgħet marret lura u ppermettiet aktar seduti għas-smigħ tax-xhieda. Huwa propju dan ukoll li rrenda l-każ kumpless.

Din il-Qorti trid pero' tirrimarka, illi filwaqt illi l-provi ta' l-intimata Lewis fil-kawża tagħha ta' separazzjoni ngħalqu fil-mori ta' din il-kawża, f'dawn il-proċeduri ma ġabet ebda prova illi rriżulta illi l-hemmek intimat, hawnhekk rikorrent Andrew Imre Gatesy, ħeba xi assi jew li rriżultaw xi assi aktar milli kien iddikjara hu jew iddepona fuqhom hu.

Din il-Qorti tqis illi fl-aħħar mill-aħħar, iċ-ċirkostanzi tal-partijiet li għandha llum quddiema huma li huma – tnejn minn nies li ilhom f'battalja dwar separazzjoni personali għall-aħħar kważi għoxrin (20) sena. Kif esprimiet ruħha fil-bidu, għal din il-Qorti ħadd m'għandu jgħaddi minn din is-sitwazzjoni u huwa l-istat li jrid jipprovdi l-għodda u s-soluzzjonijiet sabiex dan ma jseħħx. Il-Qorti tqis li kemm il-partijiet u kif ukoll il-Qorti li qed tippresjedi l-każ *de quo* huma lkoll vittmi ta' sistema li falliethom.

Falliethom propju minħabba nuqqas serju li llum, għoxrin (20) sena wara li bdiet il-kawża *de quo* u tletin (30) sena wara r-riformi illi kienu saru fil-Qorti tal-Familja, u liema riformi ħallew l-aspetti pożittivi tagħhom ukoll, hemm pero' proċess fi stadju bikri sabiex tiġi indirizzata.

Għalhekk isegwi li huwa l-istat li jrid iwieġeb għal dan in-nuqqas anke jekk din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi huwa pożittiv ferm illi l-istat fil-fatt beda' jindirizza il-problemi hekk riskontrati fil-Qorti tal-Familja, u tawgura mhux biss illi l-proċess tar-riforma ma jtulx inutilment sabiex aktar nies ma jibqghux ibgħatu, imma illi r-riformi illi ser iseħħu jiġu ri-evalwati perjodikament, aktar u aktar fejn jidħlu riformi illi jaffettwaw il-ħajja qasira tal-bniedem, sabiex kull darba illi jkun meħtieġ miljoramenti, dawn isiru mingħajr dewmien.

**Għaldaqstant din il-Qorti tqis li d-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi minħabba t-trapass ta' żmien esaġerat fil-kawża ta' separazzjoni personali tiegħu, mhux lanqas bin-nuqqas ta' miżuri legali sabiex is-sitwazzjoni li sab fiha r-rikorrent tiġi evitata u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent.**

## Ir-rimedji

In vista tas-sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent kif minnhu stess mitlub, il-Qorti sejra issa tikkunsidra r-rimedji li għandha tagħti fiċ-ċirkostanzi. Ir-rikorrent fit-tieni talba tiegħu talab lil din il-Qorti tagħti l-ordnijiet opportuni sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata kif ukoll danni morali għal ħsara li sofra.

Jirriżulta li fil-mori ta' din il-kawża, l-intimata Lewis ikkonkludiet il-provi tagħha u għalhekk ma tqisx li hemm rimedju li llum tista' tagħti dwar dan billi tagħti ordnijiet lilha f'dan is-sens.

Il-Qorti tqis ukoll illi issa l-mazz jinsab f'idejn l-hawnhekk rikorrent, u allura wieħed għandu għalekk jifhem illi issa mhux ser ikun l-istess rikorrent illi jtawwal il-proċeduri hu stess meta hu qiegħed jilment minn hekk.

Finalment, din il-Qorti tinsab ċerta li hu fl-interess ukoll tal-Qorti tal-Familja li l-każ *de quo* jiġi konkluż u b'hekk ikun fieragħ li din il-Qorti tagħti xi ordni lil dik il-Qorti f'dak is-sens. Anzi kif diġa' ingħad, din il-Qorti ma tistax ħlief tinnota illi dik il-Qorti eżercitat diskrezzjoni meqjusa f'kull ma għamlet f'ċirkostanzi ċertament mhux faċli ta' proċeduri ta' separazzjoni personali missielta.

Għal din il-Qorti huwa evidenti li n-nuqqas li jeżisti huwa wieħed leġislattiv u għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika kemm lill-Ministeri kkonċernati u kemm ukoll lill-Kamra tar-Rappreżentanti sabiex jieħdu

konjizzjoni ta' din id-deċiżjoni u partikolarment l-impatt li n-nuqqas leġislattiv kellu fuq il-partijiet ċittadini Maltin involuti.

Fir-rigward tat-talba għal danni pekunjarju, din il-Qorti tqis li ma nġiebet ebda prova ta' danni pekunjarji li soffra r-rikorrent tul is-snin li seta' ġarrab l-inġustizzja u għalhekk mhux ser tillikwida danni pekunjarji.

Għal dak li jirrigwarda danni non-pekunjarju, il-Qorti tqis li n-nuqqas leġislattiv wassal għal preġudizzju serju fil-konfront tar-rikorrent li ġie mċaħħad mis-serħan tal-moħħ għal tul ta' snin f'ħajtu, speċjalment in vista tal-fatt li għal ammont kbir tas-snin, l-unika pendenza bejn il-partijiet kienet proprju l-qasma tal-assi. Tqis ukoll li l-ebda danni jew somma flus minnha likwidati mhu ser jagħmel tajjeb għas-snin kollha mitlufa, għax mhux ser ikollhom l-effett li jdawru l-arloġġ lura. Tqis ukoll li din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tiskolpa lir-rikorrent minn kull tort, stante li mhix f'posizzjoni tgħid jekk kienx hemm verament ħabi da parti tiegħu – fatt illi jiġi issa kkostat mill-Qorti tal-Familja.

Madanakollu, tqis illi n-nuqqas da parti tal-istat li jipprovdi rimedji effettivi fi proċeduri legali sabiex dawn ma jitwalux inutilment xorta huwa bil-wisq aktar serju u għalhekk ser tkun qed tillikwida danni non-pekunjarji a favur ir-rikorrent fl-ammont ta' **ħamest' elef Ewro (€5,000)**.

## <u>Decide</u>

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż, tgħaddi biex tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet u tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara** li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġew leżi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija.

2. **Tiddikjara** lill-intimat Avukat tal-Istat bħala unikament responsabbli għal dan u għal ħlas ta' kumpens non-pekunjarju soffert mir-rikorrent b'konsegwenza ta' din il-leżjoni.

3. **Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrent u tillikwida l-ammont ta' **ħamest elef Ewro (€5,000)** pagabbli lir-rikorrent bħala danni non-pekunjarji.

4. **Tordna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent danni non-pekunjarji hekk likwidati fl-ammont ta' **ħamest elef Ewro (€5,000)**.

5. **Finalment, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jikkomunika din is-sentenza lill-Ministeru responsabbli mill-Ġustizzja, lill-Ministeru responsabbli mill-Ħarsien tal-Familja u kif ukoll lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti sabiex huma jieħdu konjizzjoni tagħha u jaġixxu kif iħossu opportun.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkun a karigu tal-Avukat tal-Istat.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |